# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 28 ta' Frar 2018**

**Talba Nru: 402/17 CZ**

**GO plc**

**vs.**

**Annabel Jean Collins**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fil-31 t'Awwissu 2017 fejn talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta thallas l-ammont ta' tmin mija u disgha u sebghin Euro u wiehed u sebghin centezmu (€879.71) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numuru 40533081.

Illi l-imsemmija servizzi gew kuntrattati mas-socjeta' Mobisle Communications Ltd., liema socjeta' giet, b'effetti mid-19 ta' Dicembmru 2015, amalgamata fis-socjeta GO p.l.c.

Illi interpellata sabiex tghaddi ghall-hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ingunta ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali 1608/16, u bl-imghaxijiet legali sa mill-10 t'Awwissu 2016, data tal-prezentata ta' l-imsemmija ittra ufficcjali.

Ra li l-konvenuta, debitament notifikata, ma pprezentatx risposta u lanqas dehret quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tal-21 ta' Frar 2018.

Ikkunsidra l-fatt illi l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmin mija u disgha u sebghin Euro u wiehed u sebghin centezmu (€879.71) bl-imghaxijiet legali kif mitluba sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet, ikunu a karigu tal-konvenuta.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur